# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha 8 ta' Lulju 2022

Mandat Numru. **793/2022 ISB**

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 793/2022 ISB** fl-ismijiet :

**Elizabeth Barbaro Sant** (ID 43790M), **Francis Gauci** (ID 532558M), **Sandro Chetcuti** (ID 325771M) **u Franco Busuttil** (ID 11461M)

***vs***

**Francis Pace** u **Angelo Galea** fil-kapaċità rispettiva tagħhom ta' **President u Segretarju Ġenerali tal-Malta Shooting Sport Federation** għan-nom u in rappreżentanza tal-istess **Malta Shooting Sport Federation (VO/2286)**

Il-Qorti :

**Rat** ir-**rikors** prezentat mir-rikorrenti fit-13 ta' Gunju 2022 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati milli:

*Jkomplu jwettqu kwalsijasi sparar bl-armi jew jippremettu lil terzi li jisparaw bl-armi mis-shooting range li jinsab fi Triq is-Sagra Familja, Bidnija limiti tal-Mosta.*

u dan ghar-ragunijiet u l-premessi maghmula, cioe`:

*Illi l-esponenti Francis Gauci huwa l-proprjetarju tal-villa bl-isem 'Fuq is-Sies', Triq is-Sagħtar, Bidnija, limiti ta' San Pawl il-Baħar liema fond huwa akkwista in virtù ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Farrugia datat 18 ta' Mejju 1995 – anness Dok. 'A'.*

*Illi l-esponenti Elizabeth Barbaro Sant hija l-proprjetarju tal-villa bl-isem "Il-Folju", Triq is-Sagra Familja, Bidnija limiti tal-Mosta liema fond hija akkwistat in virtù ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa datat 9 t'Awwissu 2011 – anness Dok. 'B'.*

*Illi l-esponenti Sandro Chetcuti huwa l-proprjatrju tal-villa bl-isem "Tar-Russett", fil-kuntrada ta' Ras il-Wied Busewdien, limiti ta' San Pawl il-Baħar liema fond huwa akkwista in virtù ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion datat 14 ta' Ġunju 2005 – anness Dok. 'Ċ'.*

*Illi l-esponenti Franco Busuttil huwa l-proprejatrju tal-villa bl-isem "Ridge View", Triq is-Sagra Familja, Bidnija limiti tal-Mosta liema fond huwa akkwista in virtù ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Romina Bartolo datat 27 t'Ottubru 2011 – anness Dok. 'D'.*

*Illi l-Malta Shooting Sport Federation hija organizzazzjoni inwaqqfa sabiex tippromwovi l-isport tal-isparar bl-armi.*

*Illi l-Malta Shooting Sport Federation għandha l-uffiċċju ċentrali tagħha fis-shooting range li jinsab fi Triq is-Sagra Familja limiti tal-Mosta.*

*Illi l-imsemmi shooting range jintuża mill-Malta Shooting Sport Federation għall-ipprattikar tal-isport tal-isparar fuq plattini u targets oħra.*

*Illi l-Malta Shooting Sport Federation għandha l-pussess u l-kontroll tal-imsemmi shooting range.*

*Illi l-Malta Shooting Sport Federation qed topera l-imsemmi shooting range illegalment billi l-istrutturi eżistenti m'humiex koperti bil-permessi tal-bini u dan kif inhu konfermat fl-anness rapport ex parte tal-Perit Carmel Cacopardo datat 5 t'Awwissu 2021 (anness Dok. 'E'), kif ukoll minn applikazzjoni sanatorja preżentata mal-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru ta' referenza PA/1243/22 li fiha inifisha tindika li s-shooting range huwa milqut minn sejre ta' illegalitajiet (anness Dok. 'F').*

*Illi tali operat illegali qed jirriżulta f'inkovenjent u molestja gravi a dannu tal-esponenti u r-residenti l-oħra taż-żona in kwantu qiegħed isir sparar minn struttura illegali u li kjarament ma tista' qatt tkun koperta b'permess, f'ħinijiet intiżi għall-mistrieħ fosthom festi pubbliċi, Ħdud u Sibtijiet minn kmieni filgħodu sa nżul ix-xemx. Dan huwa wkoll konfermat minn petizzjoni hawn annessa u markata Dokument. 'Ġ'.*

*Illi tali inkonvenjent u molestja gravi qed jirriżultaw mis-sound levels elevati ġenerati mill-isparar pratikat fis-shooting range fil-viċinanzi tal-proprjetajiet tal-esponenti fil-ħinijiet kollha tal-jum inklużi fest pubbliċi, Ħdud u Sibtijiet mingħajr ebda rażan.*

*Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

*Illi dana kollu jirriżulta mir-rapport ex parte tal-Inġinier Owen Vassallo li jikkonferma li l-ħsejjes ġenerati mis-shooting range jaqbżu s-60dB(A) bħala medja, b'każijiet fejn iqabżu anki s-70dB(A) meta tali livelli m'għandhomx jaqbżu l-55dB(A) (anness Dok. 'H').*

*Illi apparti li huwa illegali, is-shooting range in kwistjoni ma jikkontjeni l-ebda miżura għall-mitiġazzjoni tal-ħsejjes ġenerati mill-isparar.*

*Illi apparti l-inkonvejent u l-molestja derivanti mill-ħsejjes tal-isparar prattikat mis-shooting range, l-istess sparar qed jirriżulta wkoll fi ħsara ambjentali li minnha inifisha tikkostitwixxi molestja gravi u dan stante li kwantitajiet kbar ta' ċomb u skrataċ qed jiġu dispersi fl-ambjent proprju fil-viċinanzi tar-residenzi tal-esponenti mingħajr ma jitnaddfu. Il-Malta Shooting Sport Federation għalhekk qed topera attività mingħajr l-ebda ħarsien għall-ambjent u s-saħħa tal-esponenti (vide anness Dok. 'I').*

*Illi tali molestja gravi tikkostitwixxi d-dritt prima facie li għab-bażi tiegħu l-esponenti għandhom dritt li jitolbu l-ħruġ tal-inibizzjoni mitluba permezz ta' dan ir-rikors.*

*Illi kemm il-darba t-talba tal-esponenti ma tiġix milqugħa huma ser isofru preġudizzju irrimedjabbli.*

*F'dan ir-rigward issir referenza għal dak deċiż minn din l-Onorabbli Qorti f'Carmela Walsh et v. Robert Brincau et, (PA 734/2020/LM deċ. 20/7/2020) fejn ġie deċiż li:*

*"...ser jinħoloq preġudizzju irrimedjabbli għall-jeddijiet proprjetarji tar-rikorrenti ta' kull ġurnata li tgħaddi..." (enfażi miżjuda)*

*F'materja ta' din ix-xorta, li kieku l-mandat ma kellux jintlaqa', l-molestja gravi li jkunu qed isofru l-esponenti kull ġurnata li tgħaddi sakemm tiġi deċiża l-kawża fil-mertu ma tkunx tista; tiġi rimedjata.*

*Il-verità hija li m'hemmx rimedju, l-esponenti ser isofru preġudizzju għad-drittijiet tagħhom għal kull ġurnata tgħaddi sakemm tiġi deċiża l-kawż fil-mertu li se tiġi intavolata b'rabta ma' dan il-mandat, u huwa proprju għalhekk li tali preġudizzju huwa irrimedjabbli: ħadd m'għandu s-setgħa li jreġġa' l-arloġġ lura. Il-liġi trid li l-molestja gravi titwaqqaf milli ssir, għaliex una volta li tkun saret, il-preġudizzju riżultanti minn tali molestja gravi ma jkunx jista' jiġi rimedjat.*

*Illi l-esponenti għamlu dsk kollu li setgħu sabiex jaslu bil-kelma t-tajba nal-Malta Shooting Sport Federation iżda t-tentattivi tagħhpm kienu kollha inutili billi huma ġew injorati. Kien hemm xi żmien meta kien il-ħsieb tal-Gvern li s-shooting range tal-*

> *Bidnija jingħalaq una volta li jibda jopera shooting range ġdid f'Ta' Kandja, iżda minkejja li dan tal-aħħar issa ilu jopera numru ta' snin mhux talli l-attività fil-Bidnija ma naqsitx, talli żdiedet u magħha żdiedu l-inkonvenjent u l-molestja gravi a dannu tal-esponenti.*
>
> *Għalhekk, l-esponenti kienu kostretti jipproċedu b'dan il-mandat.*

**Rat** id-dokumenti pprezentati mar-rikors promotur.

**Rat** id-**digriet** taghha tat-13 ta' Gunju 2022, fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien prefiss biex iwiegbu, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-14 ta' Gunju 2022.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

**Rat** ir-**risposta** tal-intimati pprezentata fid-9 ta' Gunju 2022 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

> *Illi dina l-umli risposta qedha ssir għat-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimati Malta Shooting Sport Federation jiġu inibiti milli jkomplu joperaw billi ma' jsirx sparar fuq is-shooting ranges tagħhom tal-Bidnija kif mitlub fil-mandat fl-ismijiet hawn fuq premessi;*
>
> *Illi tajjeb li jingħad li l-esponenti huma l-Federazzjoni prinċipali tal-isparar f'Malta fejn fuq l-imsemmija ranges ilhom snin, fil-fatt sa mis-sena 1975 jiġu prattikati diversi dixxiplini ta' sparar fosthom sparar li jaqa taħt l-awspiċi tal-Malta Olympic Committee b'dixxiplini olimpiċi fejn tiraturi Maltin ilhom issa snin jipprattikaw dixxiplini bħal trap, double trab, skeet u anke indoor target ranges kif jaf kulħadd. Illi huwa fatt magħruf li l-atleti Maltin f'dawn id-dixxiplini huma uħud minn l-iżjed kapaċi u għamlu ġieh lil pajjiżhom fl-imsemmija dixxiplini anke barra minn Malta. Illi r-rangers tal-Bidnija huma l-benniena ta' dana l-isport u ilhom hekk għal snin sħaħ. Illi għalhekk wieħed jista jimmaġina l-problemi li ġabu magħhom it-talba inġustifikata tar-rikorrenti u anke il-laqa proviżorja tat-talba. S'intendi l-*

*esponenti jifhmu però li talbiet f'mandat ta' inibizzjoni, anke f'numru ta' inibizjonijiet li wara ġew miċħuda, normalment jiġu akkolti b'mod proviżorju;*

*Illi t-talbiet kif postulati huma bid-dovut rispett inproponibbli u skond l-umli fehma tal-esponenti ma' jistgħux jiġu milqugħa minħabba f'illi:-*

1) *Il-mandat ta'inibizzjoni fin-natura tiegħu huwa wieħed ottuż ħafna u jrid ikun hemm elementi presenti li għandhom jiġu sodisfatti qabel ma' l-Qrati tagħna jilqugħ talbiet għal ħruġ ta' mandati ta' dana t-tip. Illi jingħad li talba għal mandat ta' inibizzjoni ssir sabiex l-intimat ma' jagħmilx xi ħaġa li tkun ta' preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrenti. Illi l-inibizzjoni minn 'di non fare' trid tissusti b'mod allura li dak li jkun qed jintalab li jiġi inibit ma' jkunx gia għamel jew qed jagħmel l-att li r-rikorrenti jkun qed jippretendi li qed jisvestih jew jippreġudikalu d-drittijiet tiegħu. Illi jingħad għalhekk mill-ewwel, li l-esponenti ilhom snin twal joperaw dawn ir-ranges fil-Bidnija għal isparar u għalhekk mhux ġuridikament korrett l l-Qorti tintalab twaqqaf xi ħaġa li ilha tiġi ġestita u prattikata snin. Il-Qorti tista permezz ta' dina il-proċedura tinibixxi dak li għadu ma' bedhiex u li jista jkun leżiv għat-terz, imma l-inibizzjoni l-Qorti ma' tistax 'tikkastiga' jew aħjar tissanzjona dak li ilhu għaddej għal snin twal. Il-mandat ta' inibizzjoni fin-natura tiegħu ma' huwiex qiegħed hemm biex jagħti rimedju punittiv billi jwaqqaf dak li mhux biss gia inbeda iżda dak ilu jiġi prattikat għal snin sħaħ. Ir-rikorrenti bid-dovut rispett qed jittantaw dina l-proċedura li però korrettement u ġuridikament ma' tistax tirnexxi għaliex skond l-umlu fehma tal-esponenti l-Qorti bil-proċedura sommarja tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma' għadiex il-poteri li twaqqaf attivita stabbilita u li ilha  li nbiet ferm u ferm qabel ma' r-rikorrenti qatt ħolmu li jiġu jabitaw fil-Bidnija. Illi għalhekk għal dina r-raġuni biss jingħad li l-esponenti iqisu li t-talba ma' għandhiex tiġi akkolta;*

2) *Ma' jeżisti skond l-esponenti ebda dritt prima facie li jiġġustifika l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif qed jiġi mitlub. Illi l-rikorrenti jitkelmu fuq tlitt ilmenti bażikament u dawn ser jiġu indirizzati f'dina l-umli risposta:*

*[A] Illi jingħad li l-attivita tal-ġestjoni tar-ranges u l-isparar hija illegali għaliex hemm l-appikazzjoni tal-esponenti 'to sanction' parti minn l-istruttura. Illi bħal donnu l-argument tar-rikorrenti huwa li għaliex hemm proċedura li teżisti bħala regola u liġi biex tissanzjona żvilupp, u jkun hemm talba għal sanzjonar allura l-attivita kollha li ssir f'daka l-edefiċju/fond hija intrinsikament illegali. Illi bid-dovut rispett dan l-irraġunar tar-rikorrenti huwa għal kollox skorrett u ma' jista jirnexxi qatt għax huwa tiġbida tal-argument li frankament ma' jagħmilx sens. Illi l-esponenti huma koperti bil-permessi kollha tal-Pulizija, huma affiljati mal-Malta Olympic Committee, huma rikonoxxuti f'Federazzjonijiet Ewropej barra minn Malta u l-fatt li sar żvilupp li ma' kienx issanzjonat ma' jrendi b'ebda mod l-attivita bħala illegali.*

*Issa tajjeb li l-Qorti tkun taf ukoll, li dan l-iżvilupp li qed isemmu r-rikorrenti, jikkonsosti f'żewġ strutturi [waħda minhom carpark li minflok b'cobbled stone saret b'tarmac] li l-Gvern kien għamel meta nżammu s-Small Nations Games f'dawn ir-ranges u l-garanzija li kellu jħallas il-Gvern lill-MEPA mal-ħruġ tal-permess jidher li ma' tpoġġietx u issa qed isir dak meħtieġ b'konstultazzjoni ma' Sport Malta biex dina l-over sight tiġi rimedjata.*

*Illi ciononostante, l-argument huwa li mhux vera li għaliex hemm talba għal sanzjonar mal-Awtorita tal-Ippjanar allura l-ipprattikar tad-dixxiplini sportivi li jsiru fil-Bidnija huma illegali kif qed jgħidu r-rikorrenti;*

*[B] Illi t-tieni ilment huwa dak tal-ħsejjes tat-tiri. Illi dan l-argument huwa nefarju u egoist għall-aħħar da parti tar-rikorrenti bid-dovut rispett. Illi jingħad li l-esponenti kif gia kien sollevat aktar 'l fuq ilhom hemm fil-Bidnija sa mis-sena 1975. Dak iż-żmien ebda waħda mill-villel tar-rikorrenti ma' kienet hemm. Illi wara snin sħaħ, r-rikorrenti jew l-awturi tagħhom xtraw il-propjetajiet tagħhom jew addirittura rnexxielhom b'xi mod jakkwistaw ħruġ ta' permessi għal bini ta' villel litteralment fir-raba tal-Bidnija. Illi r-rikorrenti kienu jafu għaliex Malta kollha taf li f'dawk ir-ranges tal-Bindija jsir l-isparar. Illi huma akkwistaw il-propjetajiet tagħhom edotti assolutament mill-fatt*

*li f'dik l-akkwata jkun hemm ħsejjes ta' sparar. Illi però r-rikorrenti jippretendu, li issa għaliex ġew huma dak li ilu jsir snin jitwaqqaf halli dak li akkwistaw huma bir-realta li huwa viċin ta' shooting range jinbidel billi l-esponenti jitwaqqfu milli jkomplu jipprattikaw l-isport in kwistjoni. Illi verament l-istorja qisha tal-fellus tal-cuckoo li tant jikber bl-għalf ta' ommu, li maż-żmien ikeċċi l-ommu mill-bjeta biex fiha jibqa biss hu! Illi għalhekk jingħad kif anke ġie sollevat aktar 'l fuq li essendo mandat ta' inibizzjoni jekk xejn l-ħoss tat-tiri ma' huwiex xi ħaġa li l-Qorti għandha tinibixxi biex ma jibdhiex isir iżda huwa ħoss li ilu jsir f'dan is-sit għal snin sħaħ diġa kif ingħad;*

*[Ċ] Ir-rikorrenti sabiex jittantaw jiggranfaw ma' kull aspett jilmentaw ukoll miċ-ċomb li joħroġ mat-tir. Illi jingħad b'rispett li assolutament mhux minnu u jingħad b'dispjaċir li hija gidba li ċ-ċomb qed imur fil-propjetajiet tar-rikorrenti. Illi ċ-ċomb imur fuq raba ta' terzi li l-esponenti għandhom arranġament li jmur lura għal snin magħhom u di piu anke sa riċentament fil-wied ta' taħt ir-ranges isir tindif. Inoltre fuq dan il-punt, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma' għandhomx interess ġuridiku u l-unika Awtorita [apparti l-ġabilotti li għandhom r-raba fejn jaqa iċ-ċomb] li tikkontrolla tali ċirkostanzi hija l-ERA. Illi l-esponenti qatt ma' kellhom xi tilwin ma' dina l-Awtorita li tiġi tissorvelja b'mod regolari dak li jkun qed iseħħ;*

3) *Illi stabbilit li ma' jeżistix dritt prima facie, isegwi li ma' jistgħax jingħad li r-rikorrenti qegħdin isofru minn xi preġudizzju. Illi jekk hemm problema tal-ħsejjes l-esponenti jikkontendu li dina tiġi sanzjonata mhux bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Jekk xejn tali inkovenjent, dejjem jekk jeżisti, jista jiġi ssindikat b'akkużi li joħorġu mill-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux b'xi azzjoni ineżisteni quddiem il-Prim'Awla. Illi anke dwar allegazzjoni ta' inkwinament biċ-ċomb, [filfatt l aktar ħaġa li inkwinat l-ambjent fl-akkwati ċertament li huma l-istrutturi immobbli tar-rikorrenti] jekk dina vera teżisti r-rikorrenti għandhom jekk jidrilhom ikomplu kif qed jagħmlu jitolbu l-irregolar mal-ERA. Illi bid-dovut rispett huwa ovvju, li r-rikorrenit li ġew hemm snin wara l-esponenti l-uniku ħaġa li qed jittantaw jagħmlu huwa li jagħlqu r-ranges sabiex il-valur tal-proprjetà tagħhom jawmenta u dana meta huma xtraw il-propjetajiet tagħhom biċ-ċirkostanza reali li kienu viċin ta' shooting ranges.*

*Illi mogħtija dawn l-veritajiet u raġunijiet, l-esponenti jikkontendu li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu minnufih miċħuda.*

*Bl-ispejjeż.*

**Rat** il-verbal tal-udjenza mizmuma fl-24 ta' Gunju 2022, u d-digriet moghti minn din il-Qorti waqt dik l-udjenza u li permezz tieghu laqghet it-talba tal-intimati maghmula dak in-nhar stess, sabiex l-atleta Eleonor Bezzina tkun permessa tuza l-facilitajiet *indoor* li jinsabu fil-kumpless mertu ta' dan il-mandat bl-uzu tal-armi tal-arja.

**Rat** il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Lulju 2022 u dak tal-access mizmum dak in-nhar stess wara nofs-in-nhar.

**Rat** id-dokumenti esebiti waqt l-udjenza.

**Rat** in-nota tar-rikorrenti tas-6 ta' Lulju 2022 li permezz taghha irrilevaw illi minkejja l-intimati kellhom jipprezentaw kopja tal-licenzja mahruga mill-Korp tal-Pulizija ghall-operazzjoni tas-*shooting range* in kwistjoni mahrug fis-sena 1978, tali permess ma giex ippresentat u giet ipprezentat biss ricevuta ghas-sena 2022.

**Semghet** is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenzi mizmuma u rat illi r-Rikors thalla ghal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi r-rikorrenti qeghdin iressqu din it-talba peress illi huma jabitaw mhux boghod mis-*shooting range* operata mill-intimati fil-Bidnija/Mosta. Ma jirrizultx illi hemm kontestazzjoni dwar dan u r-rikorrenti anke esebew il-kuntratt ta' akkwist relattiv ghal kull wiehed u wahda minnhom.

Jghidu illi l-*Malta Shooting Sport Federation* għandha l-uffiċċju ċentrali tagħha fis-*shooting range* li jinsab fi Triq is-Sagra Familja limiti tal-Mosta u illi l-imsemmi *shooting range* jintuża mill-*Malta Shooting Sport Federation* għall-ipprattikar tal-isport tal-isparar fuq plattini u targets oħra.

Ir-rikorrenti jsostnu illi l-*Malta Shooting Sport Federation* qed topera l-imsemmi *shooting range* illegalment billi l-istrutturi eżistenti m'humiex koperti bil-permessi tal-bini u fil-fatt hemm applikazzjoni sanatorja preżentata mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Ir-rikorrenti jsostnu illi tali operat illegali qed jirriżulta f'inkovenjent u molestja gravi a dannu tal-esponenti u r-residenti l-oħra taż-żona in kwantu qiegħed isir sparar minn struttura illegali u li kjarament ma tista' qatt tkun koperta b'permess, f'ħinijiet intiżi għall-mistrieħ fosthom festi pubbliċi, Ħdud u Sibtijiet minn kmieni filgħodu sa nżul ix-xemx. Jsostnu illi tali inkonvenjent u molestja gravi qed jirriżultaw mis-sound levels elevati ġenerati mill-isparar prattikat fis-*shooting range* de quo, anke ghaliex ma hemm ebda mizuri ta' mitigazzjoni.

Jesebixxu mhux biss rapport ta' perit arkittet in sostenn ta' dak minnhom allegat, imma ukoll rapport ex parte ta' Inġinier li jikkonferma li l-ħsejjes ġenerati mis-shooting range jaqbżu s-60dB(A) bħala medja, b'każijiet fejn iqabżu anki s-70dB(A) meta tali livelli m'għandhomx jaqbżu l-55dB(A).

Ir-rikorrenti jsostnu ukoll illi l-istess sparar qed jirriżulta wkoll fi ħsara ambjentali li minnha innifisha tikkostitwixxi molestja gravi u dan stante li kwantitajiet kbar ta' ċomb u skrataċ qed jiġu dispersi fl-ambjent proprju fil-viċinanzi tar-residenzi tal-esponenti mingħajr ma jitnaddfu.

Dan kollu, jsostnu ir-rikorrenti jikkostitwixxi d-dritt prima facie li a bażi tiegħu l-esponenti għandhom dritt li jitolbu l-ħruġ tal-inibizzjoni mitlub, peress illi jekk ma jintlaqax il-Mandat, allura jkunu qed isofru pregudizzju ghal kull gurnata illi tghaddi peress illi jsostnu illi ma hemmx rimedju. Jghidu illi ghamlu dak kollu li setghu biex jasslu fi ftehim, izda ma wasslux.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naha taghhom, l-intimati jsostnu illi huma l-Federazzjoni prinċipali tal-isparar f'Malta u fuq l-imsemmija ranges ilhom snin, fil-fatt sa mis-sena 1975 jiġu prattikati diversi dixxiplini ta' sparar fosthom sparar li jaqa taħt l-awspiċi tal-*Malta Olympic Committee* b'dixxiplini olimpiċi bħal trap, double trab, skeet u anke *indoor target ranges*.

Jsostnu illi r-ranges tal-Bidnija huma l-benniena ta' dana l-isport u ilhom hekk għal snin sħaħ.

Jsostnu illi t-talbiet kif postulati huma improponibbli u ma' jistgħux jiġu milqugħa, ukoll peress illi jrid ikun hemm elementi presenti li għandhom jiġu sodisfatti qabel ma' l-Qrati tagħna jilqghu talbiet għal ħruġ ta' mandati ta' dana t-tip. Jsostnu illi mandat ta' inibizzjoni isir sabiex l-intimat ma' jagħmilx xi ħaġa li tkun ta' preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrenti, u ma tistghax twaqqaf dak li ilhu għaddej għal snin twal. Jsostnu illi l-Qorti, bil-proċedura sommarja tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma' għadiex il-poteri li twaqqaf attivita` stabbilita.

L-intimati jsostnu illi ma' jeżisti ebda dritt prima facie li jiġġustifika l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

F'dan is-sens jirreferu ghall-applikazzjoni pendenti illi hemm mal-Awtorita' l-Ippjanar u ighidu illi bħal donnu l-argument tar-rikorrenti huwa li għaliex hemm proċedura li teżisti bħala regola u liġi biex tissanzjona żvilupp, u jkun hemm talba għal sanzjonar, allura l-attivita` kollha li ssir f'dak l-edifiċju/fond hija intrinsikament illegali. L-esponenti jsostnu illi huma koperti bil-permessi kollha tal-Pulizija, huma affiljati mal-Malta Olympic Committee, huma rikonoxxuti f'Federazzjonijiet Ewropej barra minn Malta u l-fatt li sar żvilupp li ma' kienx issanzjonat ma' jrendi b'ebda mod l-attivita bħala illegali. Fuq kollox, jsostnu l-intimati, dan l-iżvilupp jikkonsosti f'żewġ strutturi [waħda minhom carpark li minflok b'cobbled stone saret b'tarmac] li l-Gvern kien għamel meta nżammu s-Small Nations Games f'dawn ir-ranges u l-garanzija li kellu jħallas il-Gvern lill-MEPA mal-ħruġ tal-permess jidher li ma' tpoġġietx u issa qed isir dak meħtieġ b'konstultazzjoni ma' Sport Malta biex dina l-over sight tiġi rimedjata.

L-intimati jirreferu ukoll ghall-allegat ħsejjes tat-tiri. Jghidu illi dak iż-żmien li beda jintuza s-*shooting range*, ebda waħda mill-villel tar-rikorrenti ma' kienet hemm u r-rikorrenti jew l-awturi tagħhom xtraw il-propjetajiet tagħhom jew addirittura rnexxielhom b'xi mod jakkwistaw ħruġ ta' permessi għal bini ta' villel litteralment fir-raba' tal-Bidnija. Illi huma akkwistaw il-propjetajiet tagħhom edotti mill-fatt li f'dik l-akkwata jkun hemm ħsejjes ta' sparar.

Ukoll, l-intimati jsostnu illi dwar iċ-ċomb li joħroġ mat-tir, jichdu illi dan qed imur fil-propjetajiet tar-rikorrenti. Illi ċ-ċomb imur fuq raba' ta' terzi

li l-esponenti għandhom arranġament li jmur lura għal snin magħhom u di piu anke sa riċentament fil-wied ta' taħt ir-ranges isir tindif. Jghid illi se mai, hemm l-awtoritjiet koncernati, bhal ma hija l-ERA li tista', jekk ihossu opportun ir-rikorrenti, tintervjeni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap.12** – L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi.

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex wahda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jigi precizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali.

Ghalhekk ma jistax ikun hemm il-hrug tal-Mandat jekk il-hsara li minnha r-rikorrent ikun qieghed jilmenta tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan kollu maghdud, il-Qorti **qed tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet**:

Illi l-Qorti tibda biex tghid illi ghal finijiet ta' din il-procedura, il-fatt inniffsu u fih inniffsu illi l-operat tas-*shooting range* de quo jista' jkun qed isir f'lok <u>mhux</u> kompletament kopert bil-permessi ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar u ukoll illi l-isport *de quo* li jinhtieg licenzja tal-Pulizija, jista' jkun illi qed jigi prattikat <u>mhux</u> skond il-permessi tal-istess Pulizija, dak, <u>fih inniffsu</u> ma jfissirx illi l-Mandat ghandu necessarjament jintlaqa'.

Igifieri l-Qorti tqis illi anke jekk tirrizulta tali illegalita', allura mhux bilfors illi l-Mandat ghandu necessarjament jintlaqa', u dan bl-istess mod kif,

jekk u kieku jirrizulta, dejjem fuq livell *prima facie*, illi kollox huwa kopert bil-permess, kemm is-sit u kemm l-operat, allura mhux necessarjament ifisser illi t-talba tigi michuda. Ghaliex dawn il-fatturi iridu jigu konsidrati fl-ambitu tal-molestja gravi u l-inkonvenjent allegat mir-rikorrenti.

**Certament illi l-Qorti ma tistghax u ma tridx illi tinftiehem illi qisu qed tikkondona u/jew taccetta uzu illegali ta' proprjeta` u attivita' mhux koperta bil-permessi necessarji** – izda dak li qed tghid il-Qorti hu illi ghal finijiet tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti trid tara u tevalwa z-zewg elementi principali kif hawn fuq elenkati u jekk ikunux sodisfatti ir-rekwiziti sabiex il-mandat jirnexxi, allura huwiex mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendu r-rikorrenti u l-prova *prima facie* ta' dawk il-jeddijiet.

Certament, kif fuq jinghad, illi jekk l-illegalita' u/jew l-illegalitajiet fihom nfushom ikunu jincidu biex jkunu determinati wahda jew iz-zewg elementi msemmija, allura l-illegalitajiet jistghu jkunu rilevanti.

Ghal finijiet tal-Mandat odjern, il-Qorti ma jidhriliex illi l-fatt tal-illegalita' allegata hija rilevanti ghad-determinazzjoni ta' dan l-istess Mandat.

Dan maghdud, proprju ghaliex jekk jirrizulta illegalitajiet quddiem il-Qorti, il-Qorti thossha legalment u moralment korretta illi ma taghlaqx ghajnejha ghall-istess, allura, in kwantu illi hemm l-allegazzjonijiet illi fis-sit *de quo* qed isir uzu tal-art <u>mhux</u> kif kopert bil-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar u prattika ta' sport ta' sparar <u>mhux</u> kif kopert bil-permess tal-Pulizija – din il-Qorti, independentament mid-decizjoni taghha fuq ir-rikors ghall-Mandat, sejra tordna illi kopja tad-digriet jintbghat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Awtorita' tal-Ippjanar, sabiex jekk jidhrilhom opportun, jinvestigaw u jiehdu l-passi li jidhrilhom xierqa skond il-ligi.

Dan qed isir proprju ukoll peress illi l-Qorti jidhrilha illi l-allegat uzu illegali tal-art *de quo* u l-prattika tal-isparar mhux skond il-permess tal-Pulizija, ghandhom jkunu soggetti ghall-iskrutinju tal-Awtoritjiet relattivi sabiex jittiehdu il-passi mistennija minnhom skond ma jirrizultalhom, u dak fih inniffsu huwa, fil-fehma tal-Qorti, rimedju skond il-ligi illi r-rikorrenti jista' ghandhom lil hinn minn dawn il-proceduri eccezzjonali.

Jibqa' l-fatt pero` illi l-Qorti trid tara u tevalwa jekk (1) il-hsejjes maghmula bl-isparar u (2) jekk ic-comb u skratac illi qed jigu dispersi fil-madwar humiex pregudizzjali ghar-rikorrenti fis-sens illi jikkawzaw inkonvenjent u molestja gravi kif allegat, u dan kollu fil-kuntest ta' dak li trid il-ligi fir-rigward ta' Mandat ta' Inibizzjoni, fuq kollox, kif postulat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mir-rapport *ex parte* tal-Ing. Owen Vassallo ippresentat mir-rikorrenti, jirrizulta illi skond u fit-termini tal-ezercizzju limitat maghmul mill-istess Ingineer u kif registrat mill-fond dikjarat mill-istess Inginier, il-Qorti mhix sodisfatta illi jirrizultaw *prima facie* il-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti. Filwaqt illi l-qari tal-hsejjes minnhu maghmula jirrizultaw f'livelli oghla minn dak normalment permess, b'dan kollu il-Qorti tqis illi l-ezercizzju maghmul kien wiehed limitat wisq sabiex ikun ppruvat fuq livell *prima facie* l-inkonvenjent u l-molestja gravi allegata mir-rikorrenti.

Il-Qorti tosserva illi dan ir-rapport ma jippruvax fuq livell *prima facie* dak allegat mir-rikorrenti, fis-sens illi tqis illi dawn it-*testijiet* ittiehdu biss minn fond wiehed ta' rikorrent wiehed, inoltre` kif stabbilit waqt l-access, l-aktar wiehed vicin tas-*shooting range*. Ukoll, huwa minnhu illi r-readings ittiehdu s-Sibt u l-Hadd, b'dana kollu, eccetto forsi tas-Sibt wara nofs-inhar, ma jippruvax hsejjes eccessivi f'hinijiet intizi ghall-mistrieh, kif allegat fir-rikors.

Il-Qorti tqis illi wiehed ma jistax u m`ghandux jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Fis-sentenza fil-kawza **Mifsud vs Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell[2], il-Qorti qalet illi "*biex wiehed jiggudika jekk il-molestji … humiex gravi …………….. f'kull kaz jiehu in konsiderazzjoni n-natura, il-pozizzjoni u d-destinazzjoni tal-postijiet …..*". Daqstant huwa dettaljat l-ezami li jrid isir biex jigi stabbilit jekk hemmx molestja gravi jew le.

[2] 1918/1996 deciza 15.12.2004

Dan japplika aktar u aktar fl-isfond u fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrenti gja ddikjaraw illi indipendentament minn dan il-Mandat, huma ser irressqu l-pretensjonijiet taghhom quddiem il-Qorti kompetenti sabiex l-ilmenti taghhom jkunu mistharrga f'aktar dettal.

Il-Qorti hawnekk tosserva illi kienu r-rikorrenti stess illi fir-rikors taghhom iddikjaraw illi il-Malta Shooting Sport Federation "*hija organu mwaqqfa sabiex tippromwovi l-isport tal-isparar bl-armi*". Ma hemmx dubbju illi dawn huma materji illi ghandhom jigu mistharrga mhux fl-ambitu ta' Mandat ta' Inibizzjoni bhal dan, imma fil-kawza illi r-rikorrenti ddikjaraw illi sejrin jintavolaw u li ghandha tiddetermina, ukoll fl-isfond ta' dikjarazzjonijiet bhal dawn, jezistix molestja gravi jew le.

Il-Qorti taghmel taghha ukoll dak li gja qalet kif diversament preseduta[3], meta stqarret illi "*ghalkemm tapprezza l-qaghda ta' min jixtieq illi jkollu u jgawdi l-kwiet ta' daru, <u>il-provi tal-molestja effettivament imwettqa u taz-zamma tal-bonvicinat ma tistghax taghmel parti minn procedura bhal din</u>, l-aktar meta z-zewg nahat jikkontestaw l-allegazzjonijiet ta' xulxin*".

Il-Qorti tqis ukoll illi fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi "*tali molestja gravi tikkostitwixxi d-dritt prima facie*" – u allura, nieqsa l-prova anke fuq livell *prima facie* tal-molestja gravi u konkluz illi dak l-ezami ghandu jsir fil-mertu ta' kawza, isegwi illi ma jirrizultax id-dritt *prima facie* pretiz mir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti dwar il-hsara ambjentali illi qed issir bl-attivita' fis-*shooting range*, il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjonijiet maghmula mill-intimati. Fl-ewwel lok illi l-eghlieqi de quo huma ta' terzi persuni u mhux tar-rikorrenti, u fi kwalunkwe kaz, simili ghar-ragunament dwar il-possibbli uzu illegali tas-sit u l-prattika illegali tal-isport, jezistu l-istrutturi idoneji fejn persuna jista' jressaq ilment, bhala rimedju, u wiehed jistenna illi jkunu investigati l-ilmenti maghmula.

[3] 768/2017JRM Gerada et vs Filletti et, 19.06.2017

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi **tichad** it-talba ghall-hrug tal-Mandat kif mitlub b'mod definittiv u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-13 ta' Gunju 2022 safejn dan kien milqugh b'mod provvizorju.

Spejjes ta' din il-procedura a karigu tar-Rikorrenti.

**In vista' ta' dak li hawn fuq jinghad, il-Qorti qed tordna illi a spejjes tar-Registratur tal-Qrati, dan id-digriet ghandu jkun notifikat lil**

**(a) L-Awtorita' tal-Ippjanar u**

**(b) Il-Kummissarju tal-Pulizija,**

**ghall-ahjar attenzjoni u indagni taghhom fid-dawl tar-rizultanzi kif hawn fuq dikjarati u tawtorizzhom minn issa, ghal kull buon fini, jiehdu konjizzjoni jew kopji tal-atti kollha ta' dan il-procediment jew parti minnhom kif huma jista' jkun jidhrilhom xieraq.**

Mogħti kameralment illum, il-Gimgha 8 ta' Lulju 2022.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**